

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fis-7 ta' Ġunju 2010 — Campsa Estaciones de Servicio S.A. vs Administración del Estado**

(Kawża C-285/10)

(2010/C 246/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Campsa Estaciones de Servicio S.A..

Konvenuta: Administración del Estado.

**Domanda preliminari**

Id-Direttiva tal-Kunsill 77/338/KEE <sup>(1)</sup>, tas-17 ta' Mejju 1977, tippermetti li l-Istati Membri jstabbilixxu, għat-tranżazzjonijiet bejn partijiet marbuta li ftehm u prezz manifestament inqas minn dak mitlub fuq is-suq, bażi taxxabbli li hija differenti mill-bażi stabbilita bir-regola ġenerali tal-Artikolu 11A(1)(a) tal-imsemmija direttiva, jiġifieri l-korrispettiv, billi jestendu l-applikazzjoni tar-regoli tal-impożizzjoni tal-oġġetti u tas-servizzi (bħall-Artikolu 79(5) tal-liġi Spanjola dwar il-VAT, qabel ma ġie emendat bil-liġi 36/2006 tad-29 ta' Novembru 2006), mingħajr ma tiġi segwita l-proċedura speċifika prevista fl-Artikolu 27 tal-imsemmija direttiva sabiex tikseb l-awtorizzazzjoni li ssir deroga mir-regola ġenerali, li Spanja kisbet biss wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2006?

<sup>(1)</sup> Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Voorzitter der Rechtbank van Koophandel te Dendermonde (il-Belġju) fit-2 ta' Ġunju 2010 — Wamo BVBA vs JBC NV u Modemakers Fashion NV**

(Kawża C-288/10)

(2010/C 246/34)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Voorzitter der Rechtbank van Koophandel te Dendermonde

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Wamo BVBA

Konvenuti: JBC NV u Modemakers Fashion NV

**Domandi preliminari**

Id-Direttiva 2005/29/KE <sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur, tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħal dik tal-Artikolu 53 tal-liġi tal-14 ta' Ġunju 1991 dwar il-prattiċi kummerċjali u dwar l-informazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur li, matul perijodi speċifiċi, tipprojbixxi li jsir reklamar dwar tnaqqis fil-prezzijiet u reklamar li jalludi għal tali tnaqqis fil-prezzijiet?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern [u] li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, p. 22)

**Appell ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2010 minn European Dynamics SA mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) mogħtija fid-19 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T-50/05, Evropaiki Dynamiki — Proigmene Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-289/10 P)

(2010/C 246/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: European Dynamics SA (rappreżentant: N. Korogianakis, Avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

L-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja joghħgħha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali